MISTOQSIJA ORALI H-0424/09
għal waqt il-Ħin għall-Mistoqsijiet fis-seduta parzjali fi Novembru 2009
skond ir-Regola 116 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Iliana Malinova Iotova
lill-Kummissjoni

Suġġett: Tnaqqis fl-ammont permess ta' qbid tal-barbun imperjali għall-Bulgarija u r-Rumanija fis-sena 2010

Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati, għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fil-Baħar l-Iswed għall-2010 (Nru 14074/09 PECHE 262) hija ta' importanza kbira għall-industrija tas-sajd tal-Bulgarija u r-Rumanija. L-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni se jkollha impatt negattiv fuq l-industrija tal-ħut. L-impatt ambjentali tat-tnaqqis ippjanat fil-kwoti huwa dubjuż. Fil-mument, l-entitajiet relevanti kollha huma tal-fehma li l-istokkijiet tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed huma stabbli.

Fuq il-bażi ta' liema statistika l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) bidel il-barbun imperjali mill-kategorija 6 għall-kategorija 10?

Fil-preparazzjoni tar-rapport definittiv tal-esperti ġiet ikkunsidrata l-opinjoni tal-grupp ta' esperti, li tinkludi xjenzjati Bulgari u Rumeni?

Għaliex jeżistu tant diverġenzi fil-Grupp ta' Ħidma u fil-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd?

It-tnaqqis fil-kwoti se jkollu impatt ekoloġiku fuq il-Baħar l-Iswed?

Ser ikun possibbli li l-formola tal-allokazzjon tiġi riveduta s-sena d-dieħla bħala riżultat ta' approċċ konġunt bejn il-Bulgarija u r-Rumanija?

Imressqa: 10.11.2009
bg